



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, il-11 ta' Jannar 2023

L-iffaċilitar tal-ivvjaġġar matul il-pandemija: iċ-ċertifikat COVID Diġitali tal-UE ħadem, għodod oħra ħadmu inqas

Iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE għen fil-koordinazzjoni tar-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar bejn il-pajjiżi tal-UE u kien effettiv biex jiffaċilita l-ivvjaġġar matul il-pandemija tal-COVID-19.

L-impatt ta' għodod oħra tal-UE, madankollu, kien modest, rapport ippubblikat illum mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri jikkonkludi. L-awdituri sabu li l-Kummissjoni Ewropea mxiet malajr biex tipproponi soluzzjonijiet teknoloġiċi xierqa. Iżda l-użu ta' dawn l-għodod mill-pajjiżi tal-UE varja b'mod sinifikanti, għalhekk l-impatt tagħhom f'termini ta' faċilitazzjoni tal-ivvjaġġar kien irregolari. L-awdituri jappellaw lill-UE biex tkeġġi lilha nnifisha aħjar, sabiex tkun tista' tiffaċċja emerġenzi futuri potenzjali b'aktar suċċess.

F'Marzu 2020, ftit wara li nstabu l-ewwel każijiet tal-COVID-19 fl-Ewropa, il-pajjiżi tal-UE bdew jimponu kontrolli fil-fruntieri u restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar. Minkejja l-kompetenza limitata tagħha fil-politika tas-saħħa pubblika, il-Kummissjoni Ewropea ħadet diversi inizjattivi biex tillimita l-impatt ta' dawn il-miżuri fuq il-moviment liberu. B'mod partikolari, hija żviluppata għadd ta' għodod biex tiffaċilita l-ivvjaġġar u biex tgħin fit-traċċar ta' każijiet pożittivi tal-COVID-19. Dawn kienu jinkludu gateway ta' traċċar tal-kuntatti, formoli tal-lokalizzazzjoni tal-passiġġieri diġitali u pjattaforma għall-Istati Membri tal-UE biex jiskambjawhom, u iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE. L-UE pprovdiet EUR 71 miljun għall-iżvilupp ta' dawn l-għodod tal-IT.

L-awdituri sabu li l-Kummissjoni Ewropea kienet immobilizzata il-finanzjament malajr u ħadet approċċ pragmatiku għall-iżvilupp tal-għodod taħt restrizzjonijiet ta' żmien. Il-gateway ta' traċċar tal-kuntatti beda jiffunzjona seba' xhur biss wara li bdiet il-pandemija, filwaqt li iċ-Ċertifikat Diġitali tal-UE ġie kkompletat qabel ma l-pajjiżi tal-UE kienu spiċċaw il-pjanijiet ta' tilqim tagħhom. B'kuntrast ma' dan, il-formoli tal-lokalizzazzjoni tal-passiġġieri ġew żviluppati tard wisq, peress li xi soluzzjonijiet nazzjonali kienu diġà saru disponibbli qabel. L-awdituri josservaw ukoll li l-Kummissjoni Ewropea ma rnexxilhiex tegħleb ċerti riżervi tal-Istati Membri fl-użu tal-għodod tal-UE minħabba l-protezzjoni tad-*data* u minħabba tħassib legali ieħor, kif ukoll minħabba li huma kienu diġà żviluppaw l-għodod nazzjonali tagħhom stess. B'mod ġenerali, madankollu, il-Kummissjoni indirizzata it-tħassib dwar il-protezzjoni tad-*data* u applikat Prattiki tajba tas-sigurtà tal-IT.

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ huwa disponibbli fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

“Kien kruċjali li l-pajjiżi kollha tal-UE jadottaw għodod komuni biex jikkoordinaw ir-restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu u jiffaċilitaw l-ivvjaġġar minkejja s-sitwazzjoni bla preċedent li kellna quddiemna”, qal Baudilio Tomé Muguruza, il-Membri tal-QEA responsabbli għall-awditu. *“Mhux l-għodod kollha tal-UE ġew adottati mill-Istati Membri, u s-suċċess taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE ma kienx rifless f’għodod oħra.”*

Kienu biss 4 Stati Membri li użaw il-formola tal-lokalizzazzjoni tal-passiġġieri diġitali tal-UE u, minn kważi 27 miljun formola maħruġa sa Frar 2022, aktar minn 9 minn kull 10 nħarġu minn pajjiż wieħed tal-UE, jiġifieri l-Italja. Bl-istess mod, il-pjattaforma ta’ skambju bilkemm intużat, b’256 biss sa tmiem Frar 2022 (kollha ħlief waħda minn Spanja). L-użu ta’ applikazzjonijiet ta’ traċċar tal-kuntatti fl-UE kien ivarja sinifikattivament: sa Mejju 2022, il-biċċa l-kbira mid-*data* fuq il-gateway (83 %) ġiet iġġenerata minn utenti mill-Ġermanja waħidha. Fil-prattika, iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE kien l-unika għodda li ntużat fl-Istati Membri kollha, u saħansitra minn 45 pajjiż u territorju mhux tal-UE. Sa tmiem Marzu 2022 aktar minn 1.7 biljun ċertifikat kienu nħarġu. L-awdituri jikkonkludu li iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE biss għen fil-koordinazzjoni tar-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar bejn il-pajjiżi tal-UE u kien effettiv biex jiffaċilita l-ivvjaġġar matul il-pandemija tal-COVID-19.

Fl-aħħar nett, l-awditu jindika n-nuqqas ta’ proċeduri speċifiċi għall-użu ta’ dawn l-għodod fit-tul, jew għall-attivazzjoni mill-ġdid tagħhom malajr f’każ li jkunu meħtieġa mill-ġdid. Pereżempju, il-bażi ġuridika attwali għaċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE tiskadi f’Ġunju ta’ din is-sena; jekk tiġġedded, dan isir permezz tal-proċedura leġiżlattiva standard tal-UE.

Informazzjoni ġenerali

Dan l-awditu jkopri l-perjodu minn Ottubru 2020 sa Ġunju 2022 u jiffoka fuq l-erba’ għodod tal-UE elenkati hawn fuq, inkluż il-finanzjament mill-UE assoċjat. Huwa ma jkoprix il-finanzjament mill-UE għat-tilqim kontra l-COVID-19, li ġie vvalutat preċedentement fir-[rapport speċjali dwar l-akkwist ta’ vaċċini kontra l-COVID-19 fl-UE](#).

Dan l-awditu jikkomplementa r-[rapport speċjali dwar id-dritt tal-moviment liberu fil-kuntast tal-kriżi tal-COVID-19](#) tal-QEA (maħruġ f’Ġunju 2022), li ħares lejn il-kontrolli fil-fruntieri ta’ Schengen matul il-pandemija.

Ir-Rapport Speċjali 01/2023, *“Għodod li ffaċilitaw l-ivvjaġġar ġewwa l-UE matul il-pandemija tal-COVID-19 – Inizjattivi rilevanti, b’impatt li jvarja bejn suċċess u użu limitat”*, huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu).

Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: press@eca.europa.eu

- Vincent Bourgeois: vincent.bourgeois@eca.europa.eu – M: (+352) 691 551 502
- Damijan Fišer: damijan.fiser@eca.europa.eu – M: (+352) 621 552 224
- Claudia Spiti: claudia.spiti@eca.europa.eu – M: (+352) 691 553 547